# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tmienja (8) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 95/14 FDP**

**Anthony Debono**
**(ID 148669M)**

**vs**

**Riccardo Caruso**
**(ID 25384A)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 18 ta' Marzu 2014 fejn ir-rikorrenti talab lill Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' ghaxart elef, mija u wiehed u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€10,121.41) flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-imsemmija somma, bilanc ta' somma dovuta ghall debiti, spejjez kurrenti u avvjament relatati ma' hanut illi huma kienu qed jiggestixxu flimkien ghal xi zmien.

Rat ir-risposta ppresentata fil 11 ta' April 2014 fejn l-intimat laqa' ghal dak allegat billi sahaq illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali u/jew guridika bejnu u ir-rikorrent. Sahaq ukoll illi r-rikorrent kellu jisosstanzja dak illi kien qieghed jippretendi bi provi filwaqt illi insista illi l-pretensjonijet ghandhom jigu michuda peress illi infondati fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda ta' **Anthony Debono** moghtija fit 23 ta' Mejju 2014 u l-affidavit ta' l-istess Debono ippresentat dakinhar stess.

Semghet ix-xhieda ta' Anthony Debono moghtija in ezami u kontro ezami fis 7 ta' Lulju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita dakinhar.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Adrian Delia** moghtija fl-20 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Pulis** moghtija fl-20 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Colin Blake** moghtija fl-20 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Konrad Camilleri** moghtija fl-20 ta’ Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Rosario Cantarella** moghtija fl-20 ta’ Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda ta’ **Francesco Toledo** moghtija fl-20 ta’ Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Anthony Debono moghtija fl-1 ta’ Dicembru 2014.

Semghet il-kontro ezami ta’ Colin Blake, Francesco Toledo u Rosario Cantarella illi saru fid 9 ta’ April 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ **Riccardo Caruso** moghtija in ezami u kontro ezami fit 28 ta’ Mejju 2015.

Rat illi fit 28 ta’ Mejju 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit 13 ta’ Lulju 2015, wara liema trattazzjni il-kawza kienet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ben ippruvat illi ir-rikorrent Riccardo Caruso kien jiggestixxi l-hanut bl-isem ta’ Il-Cantiniere u dana bi shab ma’ habib tieghu taljan bl-isem ta’ Rafaele Benincasa.

Jirrizulta illi ir-rikorrent, tramite il-kumapnnija tieghu Carnaby Limited, kien jipprovdi l-mbejjed u xi oggetti ohra ta’ l-ikel lill-istess restaurant Il Cantiniere.

Jirrizulta illi mument minnhom, ir-relazzjoni bejn Caruso u Benincasa thassret u ghalhekk kienu ser jinfirdu u l-business kien ser jaghlaq.

Jirrizulta illi dak iz-zmien, is-socjeta tar-rikorrent kellha tiehu somma konsiderevoli ta’ flus u ghalhekk ir-rikorrent, illi kien ried jidhol fil-business ta’ restaurant, ha l-okkazzjoni u ghazel illi jidhol fi shab ma’ Riccardo Caruso u ha il-post illi kellu Raffaele Benincasa, bil-ftehim ikun illi Debono u Caruso ikunu shab indaqs b’hamsin fil-mija kull wiehed ta’ l-ispejjez u il-profitti..

Jirrizulta illi meta kienu qed isiru n-negozjati dwar ix-xiri ta’ sehem Rafaele Benincasa, dana ta’ l-ahhar flimkien ma’ Riccardo Caruso ikkalkolaw il-“goodwill” tal-hanut fil-valur ta’ €35,000 u ghalhekk is-somma illi kellu jithallas lill Benincasa u Caruso flimkien sabiex johrogu mill-partnership tar-restauarant kien ta’ €35,000, illi nofsha kellu jhallas ir-rikorrent filwaqt illi n-nofs l-iehor kien ser igorrha l-intimat, li del resto kien ser ikun fi shab mill-gdid, din id-darba mar-rikorrent.

Jirrizulta wkoll illi meta kienu qed jiddiksutu kemm kellu dejn ir-restaurant meta kien gestit minn Benincasa u l-intimat, dawna gharrfu lir-rikorrent illi d-dejn kien ta’ madwar €15,000 u ghalhekk kien miftiehem illi r-rikorrent ihallas id-djun kollha illi kien hemm fir-restaurant u il-bilanc jithallas lill Benincasa.

Jirrizulta illi fl-1 ta’ Gunju 2012 il-partijiet bdew jahdmu flimkien u jiggestixxu l-hanut flimkien filwaqt illi r-rikorrenti beda jaghmel il-pagamenti li kellu jaghmel.

Jirrizulta izda, illi mument minnhom, l-affarjiet ma kienux sejjrin tajjeb daqs kemm ippjanat u, ghal xi zmien, l-intimat ma kienx qed imur fil-hanut minhabba problemi ta’ sahha. Nelfrattemp, izda, fl-istess periodu, ir-rikorrent beda jinduna illi attwalment id-djun li kienu esisteni ghar-restaurant qabel ma dahal fi shab ma’ l-intimat kien attwalment jammontaw ghall €26,799, illi minnhom l-intimat kien hallas biss €6,768 mis-sehem ta’ hamsin fil-mija tieghu bir-rizultat illi Caruso kien jaf lill Debono €6631.50 bhala sehem tieghu ta’ l-ispejjez tal-hanut qabel ma dahal fih Debono.

Jirrizulta illi fix-xhieda tieghu, l-istess Caruso jammetti illi ghandu jaghti tali somma, ghalkemm kien incert bejn €5,500 u €6,600.

Jirrizulta wkoll waqt l-operat tal-hanut illi, filwaqt li l-hanut kien iggenera €30,756 f’bejgh, huwa kien ghamel spejjez illi thallsu fil-valur ta’ €51,651, li wasslu ghal telf ta’ €20,895, li minnhom Caruso kien hallas biss €5,272 mis-sehem tieghu. Dana wassal sabiex ir-rikorrent jitlob minghand l-intimat ukoll is-somma ta’ €5,175 bhala sehem Caruso tat-telf tal-hanut.

Jirrizulta illi in vista ta’ dawna l-problemi, l-intimat iddecieda jrodd lura c-cavetta lis-sid, u di fatti hekk ghamel, filwaqt illi eventwalment ir-rikorrent ukoll radd lura ic-cavetta tal-hanut lis-sid, u dana wara illi ha lura xi oggetti illi kien ghadu hemm fil-hanut illi r-rikorrent ikkalkola illi l-valur komplessiv taghhom kien ta’ ftit anqas minn €1,300.

Jirrizulta wkoll illi hekk kif intemm il-business tar-restaurant, il-partijiet spiccaw ma jitkellmux ma xulxin u ghalhekk il-kontijiet illi kien ghad hemm pendenti, illi kienu jammontaw ghall €4,913.86 thallsu in intjier mir-rikorrent u ghalhekk Caruso kien jaf lir-rikorrent nofs tali somma, ossija €2,456.93.

Jirrizulta illi mill-provi kollha prodotti, l-intimat irikonoxxa biss l-ewwel somma rikjesta mir-rikorent, ossija dik ta’ €6,631.50, ghalkemm ma kienx cert dwar il-valur ezatt, filwaqt illi kkontesta l-ammonti ‘l ohra stante illi sahaq illi huwa qatt ma kien jaf xi spejjez kienu qed jintefqu ghax ma kienx ikun infurmat.

Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrent accetta wkoll illi, ghalkemm tali somom jammontaw komplessivament ghall €14,263,43, huwa talab ghal somma anqas minn dik, ossija is-somma ta’ €10,121.41, u ghalhekk accetta illi t-talba tieghu hija limitata ghal tali somma.

**Ikkunsidrat**

Harsa lejn l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-intimat jaghtu indikazzjoni cara illi l-intimat ma huwa qieghed jaghmel xejn aktar ghajr illi jipprova jevita li jhallas dak illi huwa obbligat ihallas.

Dana qieghed jinghad ghax hareg car, u anke ammess minnu, illi huwa kien bi shab mar-rikorrent, u ghalhekk l-eccezzjoni illi ma huwiex il-legittimu kontradittur ma jregix.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm huwa jghid illi ebda somma ma hija dovuta lir-rikorrenti, fil-mori tal-kawza huwa accetta illi kellu jaghtih somma ta’ bejn €5,500 u €6,600, izda ma kienx cert kemm.

Finalment, ghall-eccezzjoni illi r-rikorrent kellu jipprova kull somma pretiza u dovuta, il-Qorti tinnota illi r-rikorrent ippresenta dokumentazzjoni sufficjenti u konteggi dettaljati bizzejjed biex juru illi dak minnu pretiz kien debitament katalogat u elenkat, liema dokumentazzjoni kienet gia inghaddiet lill-intimat.

Madanakollu, il-Qorti ghandha tirrileva punt wiehed biss – ir-rikorrent ghazel illi jillimita t-talba tieghu ghas-somma ta' €10,121.41 ghalkemm, kif indikat quddiem dina l-Qorti, huwa indika illi attwalment is-somma dovuta kienet ferm akbar. Minkejja dan, fit-talba tieghu, huwa jghid illi flimkien ma' tali somma kellu jizdied it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Qorti tinnota illi, apparti il-fatt illi kieku kellu jsir hekk, dana jezorbita mill-kompetenza ta' dina l-Qorti, minn imkien fil-provi u dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, ma jidher illi s-sommon minnu indikati kienu ikkalkolati minghajr it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gia kkonteggjat fih.

Ghalhekk, certament il-Qorti ma tistax tikkunsidra illi, flimkien mas-somma originalment mitluba, jizdied ukoll it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, peress illi dana certament ma giex ippruvat illi huwa dovut.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha mressqa quddiema,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha ta' l-intimat

**Tilqa** t-talbiet attrici u jiddikjara illi l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrent is-somma ta' ghaxart elef, mija u wiehed u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€10,121.41) bhala sehem tieghu tal-partnership illi kellhom il-partijiet fil-gestjoni tal-hanut Il-Cantiniere, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat Riccardo Caruso ihallas lill Anthony Debono is-somma ta' ghaxart elef, mija u wiehed u ghoxrin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€10,121.41).

Spejjez tal-kawza odjerna u imghax kalkolabbli mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv huma a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**